**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A LL.D.**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Wayne Falzon**

**Illum 24 ta' Settembru 2021**

**Kumpilazzjoni Numru 425/2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Wayne Falzon** detentur ta' karta tal-identita' numru 387585M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonjiet tal-

Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, talli:-

1) Nhar il-15 ta' Gunju 2019 u/jew fil-gurnata ta' qabel minn gewwa Triq il-Madonna ta' Pompej, u fi nhawi ohra f'Birkirkara ikkometta serq ta' mutur tal-ghamla Piaggio Typhoon, bin-numru ta' registrazzjoni LYN020, liema serq huwa aggravat bil-'valur' li ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros),,huwa ikkwalifikat ukoll bil-'mezz', bil-'hin', u bix-xorta tal-haga misruqa' ghad-dannu ta' Elton Calleja;

2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi jew fil-granet susssegwenti f'Malta xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa (mutur tal-ghamla Piaggio Typhoon, bin-numru ta' registrazzjoni LYN020), mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhu jew imexxih;

3) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet susssegwenti b'xi kitba jew tpingija jew b'mod iehor, biddel hassar, sfigura jew zied xi haga fil-licenzja tal-vettura ta' l-ghamla Piaggio Typhoon, bin-numru ta' registrazzjoni LYN020, jew qieghed fl-istess vettura, licenzja li kient mibdula, imhasra, sfigurata jew li kienet mizjuda xi haga fiha;

4) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet susssegwenti biddel, irranga mill-gdid jew hassar marka ta' registrazzjoni tal-vettura ta' l-ghamla Piaggio Typhoon, bin-numru ta' registrazzjoni LYN020 fuq vettura bil-mutur jew xort ohra baghbas mal-pjanci ta' registarzzjoni tal-imsemmija vettura;

5) Talli nhar is 26 ta' Mejju 2019 u/jew fil-gurnata ta' qabel minn gewwa Triq Fluer-De-Lys, Birkirkara ikkometta serq ta' mutur tal-ghamla Peugeot Kisbee, bin-numru ta' registrazzjoni GBQ412, liema serq huwa agravat bil-'valur' liema serq huwa agravat bil-'valur' li ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros), u huwa ikkwalifikat

ukoll bil-'mezz', bil-'hin', u 'bix-xorta tal-haga misruqa' ghad-dannu ta' Rodvic Debono;

6 Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'Malta xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa (mutur ta' l-ghamla Peugeot Kisbee, bin-numru ta' registrazzjoni GBQ412), mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhu jew imexxih.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-*probation* taht l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati f'Malta fis 07 ta' Novembru 2016 mill-Magistrat Dr. J. Demicoli LLD.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 334 u A.L.198/09 Artikolu 44(3) u A.L. 19/09 Artikolu 44(4) tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u wara li rat ir-rapport tal-Probation Officer Glen Grixti, il-Qorti qed issib lill-imputat Wayne Falzon hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin flimkien ma' digriet taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena u kif ukoll liema ordni u digriet ghandhom jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**